MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Numru. 745/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Edgar Urpani ta’ 39 sena, bin Ronald u Josephine nee’ Serra, imwieled Sliema, fid-19 ta’ Lulju, 1936, residenti f’86/8, Triq Tonna, Sliema, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 292468(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Edgar Urpani u cioe` f’dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta’ bejn Ottubru 2006 u Mejju 2007, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew bissl wera haga b’ohra sabiex

igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew bniza’ dwar xi graajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Hubert Camilleri minn Hal-Balzan, C&M Bort Ltd, Preluna Ltd u Kenneth Grech Ltd;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanza, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` ha u zamm ghandu ammont ta’ flus li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Hubert Camilleri minn Hal-Balzan  u C&M Borg Ltd;

u aktar tall b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati datata 19 ta’ Jannar, 2005.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni mghamula mill-imputata seduta stante u dana anke wara li l-Qorti tghatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamula mill-imputat kif ukoll fid-dawl tax-xhieda mghotija fis-seduta tal-lum, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in kunsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u sahansitra irrestitwixxa il-flus mehuda mill-parte leza indebitament fil-maggior parti taghhom sahansitra qabel ma l-pulizija bdew jinvestigaw dan il-kaz.  Jidher illi l-imputat ghamel dak li dwaru huwa

akkuzat illum minhabba problemi finanzjarji li momentarjament kien jinstabu fihom.

Ghaladaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda wkoll tordna lill-imp;utat ihallas lil C&M Borg Limited is-somma ta' elf, mija disa' u tletin euro u sitt euro centezmi (€1139.06) ekwivalenti ghal erba' mija u disa' u tmenin Lira Maltin (Lm489) u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' l-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Genrali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------